MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 583/2002

**Anthony u Joan konjugi Scerri**

**vs**

**Anthony u Sylvie konjugi Cutajar
u
b'digriet tas-27 ta' Novembru tas-sena 2002 Halim Tayeh intervjena
fil-kawza u b'digriet datat l-20 ta' Frar tas-sena 2003 l-istess Halim Tayeh gie kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-**

**konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Illi jizgumbraw mill-fond li jgib l-isem ta' `Sylvie Hair Studio', qabel maghruf bhala `Follicles Hair Studio' li jgib l-indirizz 7, Swieqi Road, Swieqi, prevja okkorrendo dikjarazzjoni li qeghdin jokkupaw l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu ai termini tal-ligi;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru tas-sena 2002, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;**

**3. Il-kera ta' sena ma teccedix l-elf u tlett mitt Lira Maltin (LM1,300.00,0);**

**4. Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni huwa ta' inqas minn hamest elef Liri Maltin, (LM5000.00,0), fis-sena;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet ta' l-atturi ma jistghux jigu milqugha peress illi l-konvenuti mhux qeghdin jokkupaw il-fond mertu ta' din il-kawza ghaliex dan jinsab mikri validament lil terzi permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni;**

**2. Illi assolutament bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi kienu jafu b'din il-kirja qabel ma pprezentaw l-avviz u ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx ibaghtu ebda spejjez;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat ir-rikors ta' Halim Tayeh datat is-27 ta' Novembru tas-sena 2002;**

**Rat id-digriet taghha wkoll datat is-27 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu ordnat li r-rikorrent Halim Tayeh jintervjeni fil-kawza;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intervenut fil-kawza Halim Tayeh datata s-16 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' dina l-Qorti "ratione materiae";**

**2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi l-fond in kwistjoni mhuwiex okkupat mill-konvenuti izda huwa okkupat mill-intervenut fil-kawza li kera l-imsemmi fond minghand il-konvenuti permezz ta' skrittura privata tal-11 ta' Settembru tas-sena 2002;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi;**

**Rat ir-rikors ta' l-atturi datat is-17 ta' Jannar tas-sena 2003;**

**Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-intervenut fil-kawza datat t-3 ta' Frar tas-sena 2003;**

**Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi datata l-14 ta' Frar tas-sena 2003;**

**Rat id-digriet taghha datata l-20 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu ordnat li l-istess Halim Tayeh jigi kjamat fil-kawza;**

**Rat il-verbal tar-rapprezentant legali ta' l-istess kjamat in kawza datat l-20 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu nforma lill-qorti li l-eccezzjonijiet ipprezentati minn Halim Tayeh fis-16 ta' Dicembru tas-sena 2002 bhala intervenut fil-kawza ghandhom jigu moqrija bhala eccezzjonijiet ta' Halim Tayeh bhala kjamat in kawza;**

**Rat in-nota ta' referenzi ulterjuri tal-kjamat in kawza datata l-10 ta' Mejju tas-sena 2004;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjonijiet orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur hu *censwalist* jew ahjar kerrej tal-fond meritu ta' din il-procedura, (ara kuntratt ta' kera datat it-12 ta' Settembru ta' l-1987 in atti tan-Nutar Dottor G. La Rosa a fol 23);**

**2. Illi l-istess attur sussegwentement issulloka l-istess fond lil Stephanie Tedesco, (ara kuntratt ta' sullokazzjoni datat 1 t'Ottubru ta' l-1989 a fol 27);**

**3. Illi l-istess fond gie sussegwentement sullokat lill-konvenuti permezz ta' skrittura datata s-16 ta' Settembru ta' l-1994, (ara fol 84);**

**4. Illi in oltre, jirrizulta li dan l-istess fond rega' gie sullokat lill-kjamat in kawza Halim Tayeh permezz ta' skrittura privata datata l-11 ta' Settembru tas-sena 2002, (ara fol 82);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-attur isostni fix-xhieda tieghu li l-konvenut kien morus fil-kera tieghu u ghalkemm interpellat baqa' inadempjenti;**

**Illi jirrizulta skond l-attur li l-konvenut kien ukoll infurmah li ma kellux l-intenzjoni jzomm l-istess fond aktar u kien bi hsiebu jirritornah lill-attur;**

**Illi pero' irrizulta minflok, li l-fond de quo rega' gie sullokat lill-kjamat in kawza;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi tenut kont li d-dritt ta' sullokazzjoni originarjament koncess lill-attur gie regolarment mghoddi lill-kerrej tal-fond de quo kull darba li sehh il-kuntratt ta' lokazzjoni, allura l-kjamat in kawza jirrizulta li qed jokkupa l-fond de quo b'mod legittimu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, takkolji t-talbiet tal-konvenuti u tal-kjamat in kawza, bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------